

**Brussell, 31 ta' Marzu 2025
(OR. en)**

**7606/25
ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0063(NLE)**

**MAMA 63
MED 25
PA 1**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 119 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana (AP) tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, min-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 119 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2025) 119 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2025
COM(2025) 119 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana (AP) tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, min-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP

ANNEX

RAKKOMANDAZZJONI NRU XXX TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO għall- approvazzjoni tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-PA [XXX 2021]

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (Palestine Liberation Organisation, PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni”),

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni”), ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997¹.
- (2) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu.
- (4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP² b'sentejn se tagħti l-opportunità lill-Partijiet biex fis-snin li ġejjin ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tan-negozjar possibbli tal-prijoritajiet ta' sħubija,

JIRRAKKOMANDA:

Artikolu 1

Il-Kumitat Konġunt, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-AP jiġi estiż b'sentejn mill-jum tal-adozzjoni tal-estensjoni tiegħu.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għall-Kumitat Konġunt UE-PLO

Il-President

¹ <https://www.consilium.europa.eu/en/documents-publications/treaties-agreements/agreement/?id=1997014>

² https://enlargement.ec.europa.eu/system/files/2019-01/eu-palestine_action_plan_2013.pdf